IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.10.2025
COM(2025) 662 final

ANNEXES 2 to 11

ANNESSI

tal-

Proposta għal Regolament tal-Kunsill

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026, l-2027 u l-2028 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

[**ANNESS II**

SFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET TAL-LINGWATA TAL-KANAL TAL-PUNENT FID-DIVIŻJONI 7e TAL-ICES

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. Dan l-Anness għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew aktar li jkunu preżenti fil-Kanal tal-Punent (id-diviżjoni 7e tal-ICES), u li jkollhom abbord jew li jutilizzaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malji ta' 80 mm jew iktar, kif ukoll xbieki statiċi, inkluż għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil, b'daqs tal-malji ta' 220 mm jew inqas, f'konformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2019/472.

1.2. Il-bastimenti tas-sajd li jistadu bi xbieki statiċi b'daqs tal-malji ta' 120 mm jew aktar u li għal kull sena jkunu rreġistraw qabdiet ta' inqas minn 300 kg ta' lingwata, f'piż ħaj, matul it-3 snin preċedenti, skont ir-reġistrazzjonijiet tas-sajd tagħhom, għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) matul il-perjodu ta' ġestjoni tal-2024, tali bastimenti tas-sajd qabdu inqas minn 300 kg ta' lingwata, f'piż ħaj;

(b) tali bastimenti tas-sajd ma jittrażbordawx ħut lejn bastiment ieħor meta jkunu fuq il-baħar;

(c) sal-31 ta' Lulju 2026 u l-31 ta' Jannar 2027, kull Stat Membru kkonċernat jippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-qabdiet tal-lingwata li jkunu ġew irreġistrati minn dawk il-bastimenti tas-sajd fit-3 snin preċedenti kif ukoll dwar il-qabdiet tal-lingwata fl-2026.

Meta xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tiġix issodisfata, il-bastimenti tas-sajd ikkonċernati ma għandhomx ikomplu jkunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness, b'effett immedjat.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “raggruppament ta’ rkapti” tfisser ir-raggruppament li jikkonsisti miż-żewġ kategoriji ta’ rkapti li ġejjin:

(i) xbieki tat-tkarkir bit-travu b’daqs tal-malja ta’ 80 mm jew aktar; u

(ii) xbieki statiċi, inklużi għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil, b’daqs tal-malji ta’ 220 mm jew inqas;

(b) “irkaptu regolat” tfisser kwalunkwe waħda miż-żewġ kategoriji ta’ rkapti li hija parti mir-raggruppament ta’ rkapti;

(c) “iż-żona” tfisser id-diviżjoni 7e tal-ICES;

(d) “perjodu attwali ta’ ġestjoni” tfisser il-perjodu mill-1 ta’ Frar 2026 sal-31 ta’ Jannar 2027.

3. LIMITAZZJONI FL-ATTIVITÀ

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jiżgura li meta jkollhom abbord kwalunkwe rkaptu regolat, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tiegħu u li huma rreġistrati fl-Unjoni huma preżenti fiż-żona għal mhux iżjed minn-numru ta’ jiem stipulat fil-Kapitolu III ta’ dan l-Anness.

Kapitolu II

Awtorizzazzjonijiet

4. BASTIMENTI TAS-SAJD AWTORIZZATI

4.1. Stat Membru ma għandux jawtorizza s-sajd bi rkaptu regolat fiż-żona minn kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu u li ma jkollux attività tas-sajd bħal din irreġistrata fiż-żona fil-perjodu mill-2003 sal-2024, għajr l-attivitajiet tas-sajd irreġistrati bħala riżultat tat-trasferiment ta’ jiem bejn il-bastimenti tas-sajd, sakemm jiżgura li l-kapaċità ekwivalenti, imkejla f’kilowatts, ma titħalliex għas-sajd f’dik iż-żona.

4.2. Madankollu, bastiment tas-sajd li kemm-il darba jkun uża rkaptu regolat, jista’ jkun awtorizzat juża rkaptu tas-sajd differenti, sakemm in-numru ta’ jiem allokati għall-irkaptu tas-sajd differenti jkun daqs jew iktar min-numru ta’ jiem allokati għall-irkaptu regolat.

4.3. Bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru li ma jkollu l-ebda kwota fiż-żona ma għandux ikun awtorizzat jistad fiż-żona bi rkaptu regolat sakemm dak il-bastiment tas-sajd ma jkunx ingħata kwota wara trasferiment imwettaq f’konformità mal-Artikolu 16(8)

tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u ma jkunx allokat jiem fuq il-baħar f'konformità mal-punt 10 jew 11 ta' dan l-Anness.

Kapitolu III

Numru ta' jiem preżenti fiż-żona allokata lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni

5. NUMRU MASSIMU TA' JIEM

Matul il-perjodu attwali ta' ġestjoni, in-numru massimu ta' jiem fuq il-baħar li Stat Membru jista' jawtorizza bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat, huwa stabbilit fit-Tabella I.

Tabella I

Numru massimu ta' jiem li fihom bastiment tas-sajd jista' jkun preżenti fiż-żona skont il-kategorija tal-irkaptu regolat matul il-perjodu attwali ta' ġestjoni

Irkaptu regolat	Numru massimu ta' jiem tas-sajd	
Xbieki tat-tkarkir bi travu, b'daqs tal-malji ≥ 80 mm	Il-Belġju	pm
	Franza	pm
Xbieki statiċi, b'daqs tal-malji ≤ 220 mm	Il-Belġju	pm
	Franza	pm

6. SISTEMA TAL-KILOWATT-JIEM

6.1. Matul il-perjodu attwali ta' ġestjoni, Stat Membru jista' jiġġestixxi l-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd tiegħu f'konformità ma' sistema tal-kilowatt-jum. Permezz ta' dik is-sistema, l-Istat Membru jista' jawtorizza lil kwalunkwe bastiment tas-sajd ikkonċernat minn kwalunkwe rkaptu regolat stipulat fit-Tabella I biex ikun preżenti fiż-żona għal numru massimu ta' jiem li jkun differenti minn dak stabbilit f'dik it-tabella, dment li jiġi rispettat l-ammont totali ta' kilowatt-jiem li jkun jikkorrispondi għall-irkaptu regolat.

6.2. L-ammont totali ta' kilowatt-jiem għandu jkun is-somma tal-isforzi individwali kollha tas-sajd li ġew allokati lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru kkonċernat u li kkwalifikaw għall-irkaptu regolat. Tali sforzi individwali tas-sajd għandhom jiġu kkalkulati f'kilowatt-jiem billi tiġi mmultiplikata l-potenza tal-magna ta' kull bastiment

tas-sajd bin-numru ta' jiem fuq il-baħar li l-bastiment tas-sajd kien jingħata, f'konformità mat-Tabella I, kieku l-punt 6.1 ma ġiex applikat.

6.3. Kwalunkwe Stat Membru li jixtieq jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 6.1 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni, għall-irkaptu regolat stabbilit fit-Tabella I, b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom id-dettalji tal-kalkolu bbażat fuq:

(a) il-lista tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati jistadu, billi jiġi indikat in-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR, fishing fleet register) u l-potenza tal-magni tagħhom;

(b) in-numru ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment tas-sajd ikun ġie inizjalment awtorizzat jistad f'konformità mat-Tabella I u n-numru ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment tas-sajd jibbenefika minnu bl-applikazzjoni tal-punt 6.1.

6.4. Abbażi ta' dik it-talba, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 6 ġewx issodisfati u, fejn dan ikun il-każ, tista' tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat biex jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 6.1.

7. ALLOKAZZJONI TA' JIEM ADDIZZJONALI GĦALL-WAQFIEN PERMANENTI TAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

7.1. Il-Kummissjoni tista' talloka lil Stat Membru numru ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar li fihom bastiment tas-sajd jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu li jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat, abbażi tal-waqfiet permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li jkunu seħħew fil-perjodu preċedenti ta' ġestjoni, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-waqfiet permanenti li jirriżultaw minn kwalunkwe ċirkostanza oħra skont il-każ, wara talba bil-miktub u debitament motivata mill-Istat Membru kkonċernat. Talba bħal din għandha tidentifika l-bastimenti tas-sajd ikkonċernati u tikkonferma, għal kull wieħed minnhom, li qatt ma huma ser jerġgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd.

7.2. L-isforz tas-sajd li sar fl-2003, imkejjel f'kilowatt-jiem, mill-bastimenti tas-sajd irtirati li jużaw raggruppament ta' rkapti partikolari, għandu jiġi diviż bl-isforz tas-sajd li jkun sar mill-bastimenti tas-sajd kollha li użaw dak ir-raggruppament ta' rkapti fl-2003. In-numru

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1139/oj).

addizzjonali ta’ jiem fuq il-baħar għandu jiġi kkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-proporzjon miksub b’dan il-mod bin-numru ta’ jiem li jkunu ġew allokati f’konformità mat-Tabella I. Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dak il-kalkolu għandha tiġi ttondjata għall-eqreb jum sħiħ.

7.3. Il-punti 7.1 u 7.2 ma għandhomx japplikaw meta bastiment tas-sajd ikun ġie ssostitwit f’konformità mal-punt 4.2, jew meta l-irtirar ikun diġà ntuża fis-snin preċedenti sabiex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

7.4. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 7.1 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni sal-15 ta’ Ġunju 2026 b’rapporti f’format elettroniku li jkun fihom id-dettalji tal-kalkolu għar-raggruppamenti tal-irkapti kif stabbilit fit-Tabella I, li jkunu bbażati fuq:

(a) il-listi tal-bastimenti tas-sajd irtirati bin-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-potenza tal-magni tagħhom;

(b) l-attività tas-sajd eżerċitata minn tali bastimenti tas-sajd fl-2003, ikkalkulata f’jiem fuq il-baħar skont ir-raggruppament tal-irkapti tas-sajd.

7.5. Matul il-perjodu attwali ta’ ġestjoni, Stat Membru jista’ jalloka mill-ġdid kwalunkwe jum addizzjonali fuq il-baħar lill-bastimenti tas-sajd kollha li jkun għad fadal fil-flotta tiegħu u li kkwalifikaw għall-irkaptu regolat jew lil parti minnhom.

7.6. Meta l-Kummissjoni talloka jiem addizzjonali fuq il-baħar minħabba waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd matul il-perjodu preċedenti ta’ ġestjoni, in-numru massimu ta’ jiem għal kull Stat Membru u għal kull irkaptu stabbilit fit-Tabella I għandu jiġi aġġustat skont dan għall-perjodu attwali ta’ ġestjoni.

8. ALLOKAZZJONI TA’ JIEM ADDIZZJONALI GĦAT-TITJIB TAL-KOPERTURA TAL-OSSERVATURI XJENTIFIĊI

8.1. Il-Kummissjoni, abbażi ta’ programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi bi sħubija bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd, tista’ talloka tlett ijiem addizzjonali lil Stat Membru bejn l-1 ta’ Frar 2026 u l-31 ta’ Jannar 2027 li fihom bastiment tas-sajd jista’ jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat. Tali programm għandu jiffoka b’mod partikolari fuq il-livelli tal-iskartar tal-ħut u fuq dak li jkun fihom il-qabdiet u jmur lil hinn mir-rekwiżiti dwar il-ġbir tad-data stipulati fir-Regolament (UE) 2017/1004

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu dwar il-programmi nazzjonali.

8.2. L-osservaturi xjentifiċi għandhom ikunu indipendenti mis-sid, mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd u minn kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ.

8.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 8.1 għandu jressaq deskrizzjoni tal-programm imtejjeb tiegħu għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

8.4. Jekk programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi mressaq minn Stat Membru jkun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi u l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq ikompli l-programm tiegħu mingħajr tibdil, għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bit-tkomplija ta' dak il-programm 4 ġimgħat qabel il-bidu tal-perjodu li għalih japplika l-programm.

Kapitolu IV
Ġestjoni

9. OBBLIGU ĠENERALI

L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

10. PERIJODI TA' ĠESTJONI

10.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem preżenti fiż-żona stabbilita fit-Tabella I f'perijodi ta' ġestjoni ta' xahar kalendarju jew aktar.

10.2. In-numru ta' jiem jew ta' sigħat li fihom bastiment tas-sajd jista' jkun preżenti fiż-żona matul perjodu ta' ġestjoni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.

10.3. Meta Stat Membru jawtorizza li l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu jkunu preżenti fiż-żona għal numru ta' sigħat partikolari, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem kif speċifikat fil-punt 9. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu juri li ħa miżuri prekawzjonarji biex jiġi evitat li jkun hemm konsum

[2] Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1004/oj).

eċċessiv ta’ jiem fiż-żona minħabba l-fatt li bastiment tas-sajd ikun temm il-preżenzi tiegħu fiż-żona qabel tmiem il-perjodu ta’ 24 siegħa.

Kapitolu V

Skambji tal-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd

11. TRASFERIMENT TA’ JIEM BEJN IL-BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU L-BANDIERA TA’ STAT MEMBRU

11.1. Stat Membru jista’ jippermetti li kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu jittrasferixxi l-jiem li fihom bastiment ikun awtorizzat ikun preżenti fiż-żona lil bastiment tas-sajd ieħor li jtajjar l-istess bandiera f’dik iż-żona, sakemm ir-riżultat tan-numruta’ jiem li bastiment tas-sajd ikun irċieva mmultiplikat bil-potenza tal-magna tiegħu f’kilowatts (kilowatt-jiem) ikun daqs ir-riżultat tan-numru ta’ jiem ittrasferiti mill-bastiment donatur immultiplikat bil-potenza tal-magna tiegħu f’kilowatts jew inqas minnu. Il-potenza tal-magna tal-bastimenti tas-sajd f’kilowatts għandha tkun dik irreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.

11.2. In-numru totali ta’ jiem preżenti fiż-żona li ġie ttrasferit f’konformità mal-punt 11.1, immultiplikat bil-potenza tal-magna tal-bastiment tas-sajd donatur f’kilowatts, ma għandux ikun ogħla mill-medja annwali ta’ jiem tal-bastiment tas-sajd donatur irreġistrati fiż-żona, kif ivverifikat mill-ġurnal ta’ abbord dwar is-sajd fl-2001, fl-2002, fl-2003, fl-2004 u fl-2005, immultiplikati bil-potenza tal-magna ta’ dak il-bastiment tas-sajd f’kilowatts.

11.3. It-trasferiment tal-jiem f’konformità mal-punt 11.1 għandu jkun permess bejn bastimenti tas-sajd li jaħdmu bi kwalunkwe rkaptu regolat u matul l-istess perjodu ta’ ġestjoni.

11.4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar it-trasferimenti li jkunu seħħew. Il-Kummissjoni tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu l-formati tal-ispreadsheet għall-ġbir u għat-trażmissjoni ta’ dik l-informazzjoni. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 59(2) ta’ dan ir-Regolament.

12. TRASFERIMENT TAL-JIEM BEJN IL-BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU L-BANDIERA TA’ STATI MEMBRI DIFFERENTI

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment tal-jiem ta’ preżenza fiż-żona għall-istess perjodu ta’ ġestjoni u għall-istess żona bejn kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bnadar tagħhom sakemm il-punti 4.1, 4.3, 5, 6 u 10 japplikaw. Meta l-Istati Membri

jiddeċiedu jawtorizzaw tali trasferiment, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel ma jsir it-trasferiment, bid-dettalji tat-trasferiment, inkluż in-numru ta' jiem li jrid jiġi trasferit, l-isforz tas-sajd u, fejn applikabbli, il-kwoti tas-sajd relatati magħhom.

KAPITOLU VI

Obbligi ta' rapportar

13. RAPPORT DWAR L-ISFORZ TAS-SAJD

L-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem li hija ż-żona definita fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

14. ĠBIR TAD-DATA RILEVANTI

Kull 3 xhur l-Istati Membri għandhom jiġbru l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd totali utilizzat fiż-żona mill-bastimenti tas-sajd li jużaw irkapti tal-irmonk u rkapti statiċi, l-isforz eżerċitat fiż-żona mill-bastimenti tas-sajd li jużaw tipi differenti ta' rkaptu u l-potenza tal-magna ta' dawk il-bastimenti tas-sajd f'kilowatt-jiem, abbażi tal-informazzjoni li ntużat għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness.

15. KOMUNIKAZZJONI TAD-DATA RILEVANTI

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu spreadsheet lill-Kummissjoni bid-data speċifikata fil-punt 14 u fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz xieraq tal-posta elettronika, li l-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar l-isforz allokat u kkunsmat tas-sajd li tkopri l-perjodi kollha ta' ġestjoni tal-2024 u tal-2025, jew partijiet minnhom u billi jużaw il-format tad-data speċifikat fit-Tabelli IV u V.

Tabella II

Format tar-rapportar għall-informazzjoni dwar il-kW-jiem skont il-perjodu ta’ ġestjoni

Stat Membru	Irkaptu	Perjodu ta’ ġestjoni	Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv
(1)	(2)	(3)	(4)

Tabella III

Format tad-data għall-informazzjoni dwar il-kW-jiem skont il-perjodu ta’ ġestjoni

Isem il-qasam		Numru massimu ta’ karattri/ċifri	Allinjament[1] Xellug (L, Left)/ Lemin (R, Right)	Definizzjoni u kummenti
(1)	Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi ISO Alpha-3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment
(2)	Irkaptu	2		Wieħed mit-tipi ta’ rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bi travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm
(3)	Perjodu ta’ ġestjoni	4		Sena fil-perjodu mill-perjodu ta’ ġestjoni tal-2006 sal-perjodu attwali ta’ ġestjoni
(4)	Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv	7	R	L-ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd f’kilowatt-jiem li ġie utilizzat mill-1 ta’ Frar sal-31 ta’ Jannar tal-perjodu rilevanti ta’ ġestjoni
[1]	L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-data bil-format ta’ tul fiss.			

Tabella IV

Format tar-rapportar għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Stat Membru	CFR	Marki esterni	Tul tal-perjodu ta' ġestjoni	Irkaptu nnotifikat				Jiem eliġibbli skont l-użu tal-irkaptu/i nnotifikat(i)				Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)				Trasferiment ta' jiem
				Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(5)	(5)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)

Tabella V

Format tad-data għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Isem il-qasam		Numru massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament(1) Xellug (L, Left)/ Lemin (R, Right)	Definizzjoni u kummenti
(1)	Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi ISO Alpha-3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment tas-sajd
(2)	CFR	12		Numru tar-reġistrazzjoni tal-flotta komuni (CFR) Numru uniku ta' identifikazzjoni ta' bastiment tas-sajd L-Istat Membru (il-kodiċi ISO alfa-3) segwit minn serje ta' karattri ta' identifikazzjoni (disa' karattri). Meta serje jkollha inqas minn disa' karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug
(3)	Marki esterni	14	L	Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011[3]

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/404/oj).

	Isem il-qasam	Numru massimu ta’ karattri/ċifri	Allinjament[1] Xellug (L, Left)/ Lemin (R, Right)	Definizzjoni u kummenti
(4)	Tul tal-perjodu ta’ ġestjoni	2	L	Tul tal-perjodu ta’ ġestjoni mkejjel f’xhur
(5)	Irkaptu nnotifikat	2	L	Wieħed mit-tipi ta’ rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bi travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm
(6)	Kundizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	L	Numru ta’ jiem li fihom il-bastiment tas-sajd huwa eliġibbli skont l-Anness II għall-irkaptu notifikat u għat-tul tal-perjodu ta’ ġestjoni notifikat
(7)	Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	L	Numru ta’ jiem li fihom il-bastiment tas-sajd tassew kien preżenti fiż-żona u li fihom uża rkaptu li jikkorrispondi mal-irkaptu nnotifikat matul il-perjodu nnotifikat ta’ ġestjoni
(8)	Trasferimenti tal-jiem	4	L	Għall-jiem ittrasferiti indika “– in-numru ta’ jiem ittrasferiti” u għall-jiem riċevuti indika “+ in-numru ta’ jiem ittrasferiti”
[1]	L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-data bil-format ta’ tul fiss.			

Tabella IV

Format tar-rapportar għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Stat Membru	CFR	Marki esterni	Tul tal-perjodu ta' ġestjoni	Irkaptu nnotifikat				Jiem eliġibbli skont l-użu tal-irkaptu/i nnotifikat(i)				Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)				Trasferiment ta' jiem
				Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(5)	(5)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)

Tabella V

Format tad-data għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Isem il-qasam	Numru massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament(1) Xellug (L, Left)/ Lemin (R, Right)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi ISO Alpha-3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment tas-sajd
(2) CFR	12		Numru tar-reġistrazzjoni tal-flotta komuni (CFR) Numru uniku ta' identifikazzjoni ta' bastiment tas-sajd L-Istat Membru (il-kodiċi ISO alfa-3) segwit minn serje ta' karattri ta' identifikazzjoni (disa' karattri). Meta serje jkollha inqas minn disa' karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug
(3) Marki esterni	14	L	Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011[4]
(4) Tul tal-perjodu ta' ġestjoni	2	L	Tul tal-perjodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

	Isem il-qasam	Numru massimu ta’ karattri/ċifri	Allinjament[1] Xellug (L, Left)/ Lemin (R, Right)	Definizzjoni u kummenti
(5)	Irkaptu nnotifikat	2	L	Wieħed mit-tipi ta’ rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bi travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm
(6)	Kundizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	L	Numru ta’ jiem li fihom il-bastiment tas-sajd huwa eliġibbli skont l-Anness II għall-irkaptu notifikat u għat-tul tal-perjodu ta’ ġestjoni notifikat
(7)	Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	L	Numru ta’ jiem li fihom il-bastiment tas-sajd tassew kien preżenti fiż-żona u li fihom uża rkaptu li jikkorrispondi mal-irkaptu nnotifikat matul il-perjodu nnotifikat ta’ ġestjoni
(8)	Trasferimenti tal-jiem	4	L	Għall-jiem ittrasferiti indika “– in-numru ta’ jiem ittrasferiti” u għall-jiem riċevuti indika “+ in-numru ta’ jiem ittrasferiti”
[1]	L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-data bil-format ta’ tul fiss.			

]

ANNESS III


ŻONI TA' ĠESTJONI GĦAĊ-ĊIĊĊIRELL FID-DIVIŻJONIJIET 2a, 3a TAL-ICES U FIS-SUBŻONA 4 TAL-ICES

Għall-finijiet tal-ġestjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES li huma stabbiliti fl-Anness IA, iż-żoni ta' ġestjoni li fihom japplikaw il-limiti ta' qbid huma ddefiniti kif stabbilit f'dan l-Anness u fl-Appendiċi tiegħu:

Żona ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell	Rettangoli statistiċi tal-ICES
1r	31–33 E9–F4; 33 F5; 34–37 E9–F6; 38–40 F0–F5; 41 F4–F5
2r	35 F7–F8; 36 F7–F9; 37 F7–F8; 38 41 F6–F8; 42 F6–F9; 43 F7–F9; 44 F9–G0; 45 G0–G1; 46 G1
3r	41–46 F1–F3; 42–46 F4–F5; 43–46 F6; 44–46 F7–F8; 45–46 F9; 46–47 G0; 47 G1 u 48 G0
4	38–40 E7–E9 u 41–46 E6–F0
5r	47–52 F1–F5
6	41–43 G0–G3; 44 G1
7r	47–52 E6–F0

Appendiċi

Żoni ta’ ġestjoni għaċ-ċiċċirell



[**ANNESS IV**

GĦELUQ STAĠJONALI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-BAKKALJAW LI JKUN QED IBID

Iż-żoni indikati fit-tabella ta' hawn taħt għandhom jingħalqu għall-irkapti kollha minbarra l-irkaptu pelaġiku (tartaruni tal-borża u xbieki tat-tkarkir), matul il-perjodu identifikat:

Għeluq għal żmien limitat				
Nru	Isem taż-żona	Koordinati	Perjodu	Kumment addizzjonali
1	Stanhope ground	60º 10' N - 01º 45' E 60º 10' N - 02º 00' E 60º 25' N - 01º 45' E 60º 25' N - 02º 00' E	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	
2	Long Hole	59º 07,35' N - 0º 31,04' W 59º 03,60' N - 0º 22,25' W 58º 59,35' N - 0º 17,85' W 58º 56,00' N - 0º 11,01' W 58º 56,60' N - 0º 08,85' W 58º 59,86' N - 0º 15,65' W 59º 03,50' N - 0º 20,00' W 59º 08,15' N - 0º 29,07' W	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	
3	Coral edge	58º 51,70' N - 03º 26,70' E 58º 40,66' N - 03º 34,60' E 58º 24,00' N - 03º 12,40' E 58º 24,00' N - 02º 55,00' E 58º 35,65' N - 02º 56,30' E	Mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar	
4	Papa Bank	59º 56' N - 03º 08' W 59º 56' N - 02º 45' W 59º 35' N - 03º 15' W 59º 35' N - 03º 35' W	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	
5	Foula Deeps	60º 17,50' N - 01º 45' W	Mill-1 ta'	

Għeluq għal żmien limitat				
Nru	Isem taż-żona	Koordinati	Perjodu	Kumment addizzjonali
		60º 11,00’ N - 01º 45’ W 60º 11,00’ N - 02º 10’ W 60º 20,00’ N - 02º 00’ W 60º 20,00’ N - 01º 50’ W	Novembru sal-31 ta’ Diċembru	
6	Egersund Bank	58º 07,40’ N - 04º 33,00’ E 57º 53,00’ N - 05º 12,00’ E 57º 40,00’ N - 05º 10,90’ E 57º 57,90’ N - 04º 31,90’ E	Mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Marzu	(10 × 25 mili nawtiċi)
7	Lvant ta’ Fair Isle	59º 40’ N - 01º 23’ W 59º 40’ N - 01º 13’ W 59º 30’ N - 01º 20’ W 59º 10’ N - 01º 20’ W 59º 30’ N - 01º 28’ W 59º 10’ N - 01º 28’ W	Mill-1 ta’ Jannar sal-15 ta’ Marzu	
8	Xatt tal-Punent	57º 15’ N - 05º 01’ E 56º 56’ N - 05º 00’ E 56º 56’ N - 06º 20’ E 57º 15’ N - 06º 20’ E	Mill-1 ta’ Frar sal-15 ta’ Marzu	(18 × 4 mili nawtiċi)
9	Revet	57º 28,43’ N - 08º 05,66’ E 57º 27,44’ N - 08º 07,20’ E 57º 51,77’ N - 09º 26,33’ E 57º 52,88’ N - 09º 25,00’ E	Mill-1 ta’ Frar sal-15 ta’ Marzu	(1,5 × 49 mili nawtiċi)
10	Rabarberen	57º 47,00’ N - 11º 04,00’ E 57º 43,00’ N - 11º 04,00’ E 57º 43,00’ N - 11º 09,00’ E 57º 47,00’ N - 11º 09,00’ E	Mill-1 ta’ Frar sal-15 ta’ Marzu	Lvant ta’ Skagen (2,7 × 4 mili nawtiċi)

]

ANNESS V

AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

PARTI A

NUMRU MASSIMU TA' AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI LI JISTADU FL-ILMIJIET TA' PAJJIŻI TERZI

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Numru ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Numru massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
L-ilmijiet Norveġiżi u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen	Aringi, fit-Tramuntana ta' 62°00′ N	pm	DK	pm	pm
			DE	pm	
			FR	pm	
			IE	pm	
			NL	pm	
			PL	pm	
			SE	pm	
	Speċijiet demersali, fit-Tramuntana ta' 62°00′ N	pm	DE	pm	pm
			IE	pm	
			ES	pm	
			FR	pm	

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Numru ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Numru massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
			PT	pm	
			Mhux allokata	pm	
	Speċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62°00′ N	pm	DK	pm	pm
L-ilmijiet ta' Svalbard; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2b[(1)]	Sajd għall-granċ tal-Artiku bin-nases	20	EE	1	Mhux applikabbli
			ES	1	
			LV	11	
			LT	4	
			PL	3	

[(1)] L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fiż-żona ta' Spitzbergen u Bear Island hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920.

PARTI B

NUMRU MASSIMU TA’ AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA’ PAJJIŻI TERZI LI JISTADU FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Stat tal-Bandiera	Attività tas-sajd	Numru ta’ awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Numru massimu ta’ bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
Il-Venezwela[1][2][3]	Lutjani (l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża)	pm	pm

[1] Biex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, trid tingħata prova li jeżisti kuntratt validu bejn sid il-bastiment tas-sajd li qed japplika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u impriża tal-ipproċessar li tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża, u li dan jinkludi l-obbligu li mill-inqas 75 % mill-qabdiet kollha tal-lutjani mill-bastiment tas-sajd ikkonċernat jinħattu l-art f’dak id-dipartiment sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu pproċessati fil-bini ta’ dik l-impriża. Tali kuntratt irid jiġi approvat mill-awtoritajiet Franċiżi, li għandhom jiżguraw li huwa konsistenti kemm mal-kapaċità reali tal-impriża kontraenti tal-ipproċessar kif ukoll mal-għanijiet għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Guyana Franċiża. Għandha tinhemeż kopja tal-kuntratt approvat mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd. Meta tali approvazzjoni tiġi miċħuda, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw lill-partijiet ikkonċernati u lill-Kummissjoni dwar dik iċ-ċaħda u għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom għal dan.

[2] L-attivitajiet tas-sajd huma awtorizzati fuq bażi kalendarja annwali. Madankollu, bastiment tas-sajd jista’ jkompli l-attivitajiet tas-sajd tiegħu sa 3 xhur wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu dment li l-operatur:

– ikun beda l-proċess biex iġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu,

– wettaq l-obbligi kuntrattwali u ta’ komunikazzjoni ta’ informazzjoni kollha tiegħu.

Din l-estensjoni tiskadi mad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd ġdida jew notifika taċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni tas-sajd il-ġdida.

[3] L-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd li jkollhom dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd jistgħu jseħħu biss fil-perjodu mis-16 ta’ Frar 2026 sal-14 ta’ Diċembru 2026.

ANNESS VI

1. Numru massimu ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn (*Thunnus thynnus*) bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm fil-Lvant tal-Atlantiku

Spanja	pm
Franza	pm
L-Unjoni	pm

